MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 515/2010

**L-Awtorita` Ghat-Trasport f' Malta (bhala successur fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita` Marittima ta' Malta)**

**vs**

**Mare Blu Tuna Farm Limited (C-20565)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony Caruana (ID 882553M) in rapprezentanza tar-rikorrenti Awtorita` Marittima ta' Malta datat 18 ta' Mejju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat illi mill-1 ta' Jannar 2010, l-Awtorita Ghat-Trasport f' Malta assumiet id-drittijiet, poteri u obbligi tal-Awtorita` Marittima ta' Malta, u dan *ai termini*

tal-**Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta (Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta).**

IIli nhar l-10 t'Ottubru 2007 l-Awtorita` Marittima ta' Malta pprezentat rikors guramentat fl-ismijiet "L-Awtorita` Marittima ta' Malta vs Mare Blu Tuna Farm Limited" (1049/2007AL) illi fih talbet il-hlas tas-somma ta' hamsa u disghin elf seba' mija u seba' ewro u tmien centezmi (€95,707.08), bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet tal-port *(port dues),* inkluzi drittijiet ta' rmigg *(berthage dues),* hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti *(ship generated waste management fees), on call* u *ship conference fees,* kif ukoll drittijiet *ai termini* tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port, liema ammonti kienu dovuti ghall-perjodu sas-17 ta' Settembru 2007.

Illi fil-mori tal-imsemmija kawza kienu saru xi pagamenti, b'dan illi l-kawza ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti ghall-bilanc ta' €87,547.34.

Illi sadanittant, mis-17 ta' Settembru 2007 'il quddiem l-intimata Mare Blu Tuna Farm Limited inkorriet drittijiet tal-port ohra, b'dan illi ghall-perjodu mis-17 ta' Settembru 2007 sad-19 ta' April 2010 kellha taghti lill-Awtorita` rikorrenti *port dues* fis-somma ulterjuri ta' sebgha u hamsin elf u disgha u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€57,069.96) inkluzi drittijiet ta' rmigg *(berthage dues),* hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti *(ship generated waste management fees), on call* u *ship conference fees,* kif ukoll drittijiet ohra *ai termini* tar-**Regolamenti dwar Rati tal-Port** *[Statement* anness bhala Dok "TM 1"].

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas l-ammonti minnha dovuti, inkluz b'ittra ufficjali tal-25 ta' Awwissu, 2010, [Dok "TMZ"] izda baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza ghall-hlas ta' ammonti dovuti ghall-perjodu bejn is-17 ta' Settembru 2007 u d-19 ta' April 2010.

lli jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* tal-**artiklu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzoni Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta)** *stante* illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-Awtorita` rikorrenti l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-hlas tal-imsemmi ammont.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbet lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tisma' u tiddeciedi skont it-talba bid-dispens tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-**artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijietta' Malta**).

2. Tiddikjara li l-intimata Mare Blu Tuna Farm Limited hija debitrici tal-Awtorita` rikorrenti fis-somma ta' sebgha u hamsin elf u disgha u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€57,069.96), bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet tal-port (port *dues),* inkluzi drittijiet ta' rmigg *(berthage dues),* hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskar iggenerat minn bastimenti *(ship generated waste management fees), on call* u *ship conference fees,* kif ukoll drittijiet *ai termini* tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port, dovuti ghall-perjodu bejn is-17 ta' Settembru 2007 u d-19 ta' April 2010.

3. Tikkundanna lill-intimata Mare Blu Tuna Farm Limited thallas lill-Awtorita` rikorrenti l-imsemmija somma ta' sebgha u hamsin elf u disgha u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€57,069.96).

Bl-ispejjez gudizzjarji nkluz tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awwissu 2009 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa fol 46 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Gunju 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Gunju 2010 fejn Dr. Cedric Mifsud ecepixxa li l-istess awtoritajiet li qed jintalbu mill-awtorita` attrici qed attwalment jithallsu lis-socjeta` Valletta Gateway Terminal kif jidher Dok "MB 4" li qed jigi esebit mal-elenku ta' dokumenti liema socjeta` VGT hi operatrici tal-pori Giovanni Ciappitta li ddikjara li dan il-kuntratt esebiet huwa fil-fatt iffirmat. Il-Qorti in vista ta' dan ddecidiet li peress li s-socjeta' konvenuta ppruvat *prima facie* li ghandha eccezzjonijiet x'taghti nghatat 20 gurnata zmien ghall-prezentata tar-risposta guramentata u l-kawza thalliet ghall kontinwazzjoni ghas-16 ta' Novembru 2010.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` Mare Blu Tuna Farm Limited (C-20565) datata 25 ta' Gunju 2010 a fol 63 tal-process fejn id-direttur tas-socjeta` Giovanni Cappitta bin-numru tal-Karta ta' Identita 423081M bil-gurament eccepixxa: -

1. Illi s-socjeta` ntimata taghmel referenza ghall-kawza simili fl-ismijiet "**L-Awtorita Marittima ta' Malta vs Mare Blu Tuna Farm Limited**" (1049/2007AL) fejn qieghed jigi mitlub mill-Awtorita` (successur fil-poteri u d-drittijiet tal-Awtorita` Marittima ta' Malta, u li llum hija maghrufa bhala l-Awtorita` ghat-Transport f'Malta) l-hlas ta' hamsa u disghin elf seba' mija u seba' ewro u tmien centezmi (€95,707.08), liema hlas jinkludi drittijiet ta' rmigg *(berthage dues),* hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti *(ship generated waste management fees), on call* u *ship conference fees,* kif ukoll drittijiet *ai termini* tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port, dovuti ghall-perijodu sas-17 ta'Settembru 2007.

Illi fil-kawza odjerna permezz ta' rikors guramentat maghmul skont **artiklu 167 (2) tal-Kap. 12**, qed jigi allegat li mis-17 ta' Settembru 2007 'l quddiem, s-socjeta` ntimata inkorriet drittijiet tal-port ohra, u ghall-perijodu mis-17 ta' Settembru 2007 sad-19 ta' April 2010 kellha taghti lill-Awtorita` rikorrenti *port dues* fis-somma ulterjuri ta' sebgha u hamsin elf u disgha u sittin ewro u sitta u disghin ewro centezmu (€57,069.96) inkluzi drittijiet ta'

rmigg *(berthage dues),* hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti *(ship generated waste management fees), on call* u *ship conference fees,* kif ukoll drittijiet ohra ai termini tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port.

Il-hlasijiet li qed jigu mitluba mill-Awtorita` rikorrenti fil-kawza odjerna huma ghal somma diversa minn dawk li qed jigu mitluba fil-kawza 1049/2007AL, izda minkejja dan il-hlasijiet mitluba huma ghall-istess tip ta' servizz. Ghalhekk, billi bejn il-kawza hawn fuq referita u l-kawza li qedgha tigi imressqa fil-kawza odjerna, hemm "konnessjoni ta' suggett", kif ukoll billi "decizjoni ta' wahda ser tolqot id-decizjoni ta' l-ohra", mela din il-Qorti ghandha tordna li z-zewg kawzi jigu mismughin flimkien, u dan skont **artiklu 793 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li tittratta l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens.*

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-Awtorita` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-hlas ghal servizzi varji fil-Port il-Kbir qed isir illi Valletta Gateway Terminal Limited, maghrufa bhala VGT, u dan skont ftehim li hemm bejn is-socjeta` ntimata u l-VGT (ara Dok "MBTF 1").

Illi l-hlasijiet qeghdin isiru direttament lil VGT ghaliex l-gestjoni tal-postijiet li tuza s-socjeta` ntimata ghaddew f'idejn il-VGT. Dawn il-postijiet huma: Deep Water Quay, Lab Wharf u Magazine Wharf. F'dawn il-postijiet il-VGT tipprovdi diversi facilitajiet fosthom faciltajiet ta' irmigg u servizzi ohra lis-socjeta` rikorrenti. Ghalhekk:

a. Ghal dak li jirrigwarda rmigg s-socjeta` ntimata taghmel riferenza ghar-Regolamenti tal-2005 dwar Drittijiet ghall-Irmigg, specifikament regolament 3 (i) li jistipula li d-drittijiet ta' rmigg ma japplikawx ghal ***'bastiment li jhallas, ghal uzu ta' irmigg, skont ma jkun stabbilit jew bi provvidementi legislativi ohra jew b'arrangamenti u pattijiet milhuqin u approvati mill-Awtorita`.'*** Illi meta l-Gvern Malti ghadda f'idejn il-VGT il-gestjoni ta' partijiet tal-Port il-Kbir, ir-Regolament hawn fuq

imsemmi waqaf japplika fejn hemm gestjoni minn naha tal-VGT.

b. Illi l-istess ghandu japplika ghal dak li jirrigwarda drittijiet tal-port.

c. Illi ghal dak li jirrigwarda mmannigjar ta’ skart iggenerat minn bastimenti, l-Awtorita` rikorrenti, qatt ma pprovdiet servizzi f’dan is-sens lis-socjeta` ntimata. Is-socjeta` ntimata taghmel riferenza wkoll ghal regolament 9 tar-Regolamenti dwar Facilitajiet Portwali fejn jintlaqa’ skart iggenerat mill-Bastiment u residwi tal-Merkanzija, li jistipula li bastimenti tas-sajd bhal dak tas-socjeta` ntimata huma ezenti minn hlas ghal skart iggenerat minn bastimenti.

d. Illi ghal dak li jirrigwarda servizzi ta’ *call* u *ship conferences fees,* is-socjeta` ntimata qatt ma uzat dawn is-servizzi;

3. Illi m’huwiex minnu li s-socjeta` ntimata kienet talbet dawn il-facilitajiet mill-Awtorita` rikorrenti. Illi apparti minn hekk kull darba li kienet giet interpellata s-socjeta` ntimata hija dejjem irrispondiet fis-sens illi l-hlasijiet ghal facilitijiet kif deskritti mill-Awtorita` rikorrenti kienu qed jigu mhallsa lill-VGT, li fil-fatt jigestixxu l-partijiet tal-port li qed tuza s-socjeta` ntimata, ghalhekk is-socjeta` ntimata dejjem sostniet li jekk isir hlas lill-Awtorita` rikorrenti jkun qed isir hlas dopju.

4. B’rizerva ghal eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta` rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma’ dokument anness a fol 67 sa 72 tal-process.

Rat in-nota tal-awtorita` attrici datata 26 ta’ Lulju 2010 a fol 74 tal-process li permezz taghha esebiet l-affidavits flimkien ma’ dokumenti sabiex iservu ta’ prova f’din il-kawza; u dawk tas-26 ta’ Lulju 2010 (fol 694 u fol 697).

Rat in-nota tas-socjeta` Mare Blu Tuna Farm Limited ipprezentata fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2011 a fol 723 tal-process; u dawk ipprezentata fl-4 ta' Marzu 2011 u fl-1 ta' April (fol 730 u 732 rispettivament).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-ewwel (1) ta' Gunju 2011 fejn il-Qorti hasset li ma ghandhiex tirriprasjedi peress li l-perijodu hu differenti, pero` l-Qorti issuggeriet li x-xhieda ta' Doreen Curmi li ga parti minnha instemghet quddiem Qorti diversament presjeduta tigi nserita f' dan il-process ladarba l-partijiet jaqblu li tali xhieda tista' tghodd ghal din il-kawza. Il-Qorti nnominat lil Dr. Michael Camilleri bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa seduta sabiex tkompli tinstema' ix-xhieda ta' din il-persuna u jsir il-kontro ezami taghha. Is-socjeta` konvenuta kellha tipprezenta dokumenti li fadlilha fi zmien erbghin (40) gurnata minn dan il-verbal. F' dan l-istadju Dr. Cedric Mifsud ipprezenta dokumenti nkluz ix-xhieda tal-imsemmija xhud. Il-kawza baqghet differita sabiex sir il-kontro-ezami tal-istess xhud fil-mori, u ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta' Ottubru 2011. Ghall-kompletezza inghad li s-socjeta` konvenuta mhix taqbel bhala fatt fuq punt 1 u 2 msemmija fil-verbal tat-3 ta' Marzu 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri (fol 762) fejn xehdet Doreen Curmi in kontro ezami.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-20 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Joseph Camilleri ghall-awtorita` attrici rapprezentat minn Anthony Caruana u Dr. Cedric Mifsud ghas-socjeta` konvenuta. Id-difensuri nfurmaw il-Qorti li l-provi huma maghluqa u talbu jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet tletin (30) gurnata zmien ghal tali nota bin-notifika / visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Marzu 2012; u l-verbal tad-29 ta' Marzu 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2012.

Rat in-nota ta' l-attur datata 27 ta' Settembru 2012 bil-visto tad-difensur tal-kontro-parti.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-Awtorita' attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sebgha u hamsin elf u disgha u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€57,069.96), bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet tal-port (port *dues),* inkluzi drittijiet ta' rmigg *(berthage dues),* hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti *(ship generated waste management fees), on call* u *ship conference fees,* kif ukoll drittijiet *ai termini* tar-**Regolamenti dwar Rati tal-Port**, dovuti ghall-perjodu bejn is-17 ta' Settembru 2007 u d-19 ta' April 2010.

Illi d-difiza tas-socjeta' konvenuta dwar drittijiet ta' rmigg (*berthge fees*), li huma l-iktar parti mis-sorte fl-ammont ta' €46,378.80, hija fis-sens li hija qed thallas tal-istess lis-socjeta' Valletta Gateway Terminals Limited (VGT) skond ftehim bejn iz-zewgt kontraenti datat 22 ta' Mejju 2007 (Dok. "MB 4" – fol. 58 tal-process).

Illi f'dan il-kuntest jinghad li jirrizulta li l-Awtorita' attrici ma hijiex parti mill-istess ftehim u ghalhekk fil-konfront taghha dan huwa inter alios acta. Dawn id-drittijiet jirrizulta li huma dovuti lill-Awtorita' attrici skond ir-**Regolamenti dwar Drittijiet ta' Rmigg – Avviz Legali 174 tal-2005**, u ma jithallsux lill-istess Awtorita' biss jekk skond l-Avviz Legali *"...id-drittijiet ta' irmigg ma japplikawx ghal bastiment li jhallas, ghal uzu ta' irmigg, skond ma huwa stabilit jew bi provedimenti legislattivi ohra jew*

*b'arrangamenti u pattijiet milhuqin u approvati mill-Awtorita'".*

Illi ghalkemm jidher li s-socjeta' konvenuta dahlet fi ftehim mas-socjeta' imsemmija VGT, mhux biss l-Awtorita' attrici ma hijiex parti mill-istess ftehim, izda lanqas biss jirrizulta li tali ftehim gie b'xi mod approvat mill-Awtorita', tant li tramite Doreen Curmi, rapprezentanta tas-socjeta' VGT, inghad fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011 li l-istess ftehim lanqas biss qatt intbaghat sabiex jigi approvat mill-Awtorita'.

Illi dan ifisser li l-ammont huwa attwalment dovut mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi u dan jirrizulta kemm mill-**Port Notice Numru 002/09** datata 2 ta' Frar 2009 (esebita b'nota datata 4 ta' Marzu 2011 – Dok. "P1" – fol. 731) fejn jinghad espressament li:-

*"As established in the Brokerage Dues Regulations (SL 352.23) every vessel berthed at a berth under the control of the Malta Maritime Authority is subject to the payment of Berthage Dues as specific in the Schedule to the Regulations.*

*"In this regard nobody is entitled to charge berths which are under the control of the Malta Maritime Authority. Therefore berthage dues levied in respect of such berths by terminal operators other than the Authority are not to be paid.*

*For the avoidance of doubt it is hereby being clarified that Viset and Malta Shipyards facilities are authorised to charge berthing fees in respect of vessels within the respective concession areas".*

Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Charles Abela u mill-provi kollha prodotti nkluz l-itttra datata 13 ta' April 2007 (Dok. "MB 2" – fol. 55) dwar dan fil-verita' s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex risposta ghall dan.

Illi fil-fatt jirrizulta li ghalkemm il-ftehim ma' VGT huwa sabiex l-istess socjeta' tipprovdi lis-socjeta' konvenuta

post ghall rmigg tal-bastimenti taghha, hija qed tghid li mhux qed ticcargja lis-socjeta' konvenuta *berthing fees* izda dak li hija qed issejjah bhala *Security and Administration Fee (SAF).*

Illi dan johrog mill-ittra tas-26 ta' April 2007 miktuba mill-Avukat Dr. Mario de Marco (llum l-Onorevoli Ministru Mario de Marco) dak iz-zmien konsulent legali tas-socjeta' VGT (Dok. "MB 1" – fol. 53). Jekk din l-SAF u l-*berthage fees* humiex l-istess mhux il-mertu ta' din il-kawza, izda li huwa relevanti u deciziv ghall kaz odjern huwa li huwa x'inhuwa l-ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u l-VGT, dan bl-ebda mod ma jaffetwa id-dritt tal-Awtorita' li tesigi, kif ghandha dritt skond il-ligi, l-pagament ta' *berthage fees* minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi dan huwa iktar u iktar meta s-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova li l-Awtorita' kkoncediet lill xi entita' ohra, hija minn hija, li tigbor hija l-istess drittijiet. Fil-fatt qed jinghad li l-istess ftehim bejn l-Awtorita' u l-VGT bl-ebda mod ma jaghti lill imsemmija socjeta' xi dritt sabiex hija tigbor *berthage fees.*

Illi anzi mix-xhieda tal-imsemija Doreen Curmi rappresentata tal-VGT (xhieda 5 ta' Ottubru 2001), li hija sahanistra citata mis-socjeta' konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha datata 4 ta' Jannar 2012 jinghad minnha li hija taf li *"artikolu 9 tal-ftehim* (Concession agremment bejn l-Awtorita' u s-socjeta' VGT) *jitkellem dwar berthin, u dan l-artikolu jaghhtina dritt li noffru facilita' ta' berthinf izda nafu li l-TM* (Transport Malta) *ghandha dritt tigbor berthage fees".*

Illi dan ma jfissirx, kif sostniet is-socjeta' konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha li allura tali socjeta' VGT ghanda dritt tigbor berthage fees, ghaliex hija dejjem l-Awtorita' li ghandha tali dritt, sakemm il-Ligi ma tipprovdiex mod iehor jew jekk ikun hemm xi ftehim approvat mill-Awtorita', kif inghad li f'dan il-kaz ma hemmx.

Illi minbarra dan l-ftehim esebit jikkonferma dan kif jirrizulta minn klawsola 9.4 tal-istess ftehim datat 10 ta' Gunju 2006 esebit b'nota datat 27 ta' Settembru 2012 li jipprovdi li *"The Authority retains the right which the Operator acknowledges to charge fees in respect of ships berthing along the quays comprised in the Concession Area according to Law"*

Illi l-istess jinghad ghall-ammont ta' €6,833.58 li huwa dovut lill-Awtorita' bhala Port Fees skond l-**Avviz Legali 53 tal-1969 – Regolamenti dwar Rati tal-Port**; jekk is-socjeta' konvenuta qed tghid li qed thallas dan l-ammont lill VGT, mela allura jista' jkun li s-socjeta' konvenuta ghandha rimedju kontra l-istess socjeta', izda certament dan ma' jaffetwa bl-ebda mod id-dritt tal-Awtorita' li tesigi l-istess hlas skond il-Ligi minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi dwar l-ammont ta' €687.35 pretizi bhala mmanigjar ta' skart iggenerat mill-bastimenti dawn jirrizultaw li huma dovuti skond ir-**Regolamenti dwar il-Facilitajiet tal-Portijiet fejn jintaqa' Skart Iggenerat mill-Bastimenti u Residwi tal-Merkanzija (Avviz Legali 278 tal-2004** kif emendat).

Illi dan l-Avviz Legali gab fis-sehh f'Malta d-**Direttiva tal-Unjoni Ewropea Numru 2000/59/EC** u allura huma applikabbli sabiex kull port ikun hemm strutturi adegwati ghall-gbir u immanigjar tal-iskart li jkun gej mill-bastimenti u l-obbligu tal-Awtorita' huwa f'dan il-kaz li jispezzjonaw li tali facilitajiet, provduti min provduti, jezistu u qed jigu operati (ara xhieda ta' Anthony Caruana b'affidavit datat 26 ta' Lulju 2011. Ma jirrizultax lanqas prova li l-bastimenti li dwarhom qed jintalab tali hlas huma fishing vessels u din il-prova kellha ssir se mai mis-socjeta' konvenuta la darba kienet hija li qed tallega.

Illi dwar *on call* u *ship conference fees* ammontanti ghall €582.50 u €11.65 rispettivament jirrizulta li dawn huma dovuti ghall xoghol li kien sar wara l-hinijiet tal-ufficju skond l-**Avviz tal-Port Numru 2 tal-2000**; fil-waqt li *conference fees* huma drittijiet amminstrattivi fil-kuntest ta' allokazzjoni ta' rmiggi dovuti lill-Awtorita'.

Illi finalment dwar drittijiet ta’ Pilotagg *(Pilotagg Fees)* ma jirrizultax li dawn huma effettivament kontestati tant li huma ammessi minn Giovanni Capitta rappresentant tas-socjeta’ konvenuta fl-affidavit tieghu, u allura l-ammont pretiz f’dan ir-rigward ta’ €9,590.31 ghandhu jithallas ukoll mis-socjeta’ konvenuta.

Illi dawn l-ammont kollha gew ukoll ippruvati bil-fatturi kollha relattivi li jinsabu kollha esebiti f’dan il-process.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha kif proposta u l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta qed jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta sollevati fir-risposta guramentata datata 25 ta’ Gunju 2010, **tilqa’ t-tieni u t-tielet talbiet attrici** b’dan illi:-

2. Tiddikjara lis-socjeta intimata Mare Blu Tuna Farm Limited hija debitrici tal-Awtorita` rikorrenti fis-somma ta’ sebgha u hamsin elf u disgha u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€57,069.96), bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet tal-port (port *dues),* inkluzi drittijiet ta’ rmigg *(berthage dues),* hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskar iggenerat minn bastimenti *(ship generated waste management fees), on call* u *ship conference fees,* kif ukoll drittijiet *ai termini* tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port, dovuti ghall-perjodu bejn is-17 ta’ Settembru 2007 u d-19 ta’ April 2010.

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata Mare Blu Tuna Farm Limited thallas lill-Awtorita` rikorrenti l-imsemmija somma ta’ sebgha u hamsin elf u disgha u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€57,069.96).

Bl-ispejjez inkluzi dik tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Awissu 2009 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-effettiv pagment kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Mhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2012**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Ottubru 2012**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------